# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **23 TA' DIĊEMBRU 2018**

## Novena tal-Bambin

Illum is-Sibt 22 ta' Diċembru 2018, it-8 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.30pm quddiesa animata mill-Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni.

Għada l-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018, id-9 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Liturġija.

## Tberik tal-Bambini u l-Presepji

Għada l-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

## Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin

Il-Membri tal-Museum iħeġġukom sabiex tippartecipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir it-Tnejn 24 ta' Diċembru 2018. Il-purċissjoni se tibda fis-5:45pm minn Triq Għaxqet l-Għajn, in-naħa taż-Żonqor. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali, fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

## Lejlet il-Milied

It-Tnejn 24 ta' Diċembru 2018, Lejlet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali u jkollna programm imtella' mill-membri tal-Museum, imbagħad il-quddiesa tat-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-prietka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am.

## Kwaranturi

Il-Ħamis, il-Ġimgħa u t-Tnejn ikollna l-Kwaranturi – tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Nesponu s-Sagrament wara l-quddiesa tat-7.45am sa nofsinhar u mill-4.00pm sal-quddiesa tas-6.00pm. Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

***New Year's Eve Party***

It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Id-Dar tal-Providenza**

Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2019. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom f'buqar li ser ikun fuq l-artal matul din il-ġimgħa. Grazzi ħafna.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Mill-Kunsill Lokali**

Ninfurmakom li l-ġbir ta' skart riċiklabbli permezz tal-borża l-griza ser isir nhar l-Erbgha 26 ta' Diċembru 2018 u nhar l-Erbgħa 2 ta' Jannar 2019.